# Smigħ Tikka Malti 6b

**Testi tal-*podcasts* li jinsabu fuq merlinpublishers.com/podcasts/tikkamalti-6b/**

*Paġna 20*

**Intervista ma' Sef Farrugia, disinjatriċi u ħajjata**

**L-ewwel parti**

*Sef, jiena Leanne, il-ġurnalista li naħdem ma' Tikka Malti. Grazzi talli aċċettajt din l-istedina għal intervista esklussiva miegħek. Tista' tgħidli xi ħaġa dwarek?*

Jiena Sef Farrugia, minn Ħaż-Żebbuġ, minn Ħal Muxi biex inkun iktar preċiża. Għandi 31 sena, inħobb ħafna l-annimali u dejjem noħlom. Inħobb ukoll naqra kotba ta' kull tip, u minn dejjem kelli ġibda lejn l-arti u d-disinn. Fil-fatt dawn huma l-passjoni tiegħi u segwejt din il-linja …

*Kont tħit meta kont tal-istess età ta' dawn it-tfal li qed jisimgħuna?*

Iva! Billi ommi kienet u għadha tħit niftakarni dejjem ħdejha nipprova nħawwad xi ħaġa bil-fdalijiet ta' drappijiet li kien ikollha. Naturalment, għall-pupi tiegħi, għax dejjem kienu sejrin xi festin jew ieħor! Kont inħit bl-idejn għax ommi ma kinitx tafdani bil-magna. U kien jirnexxili e!

*Minn dejjem kienu jogħġbuk il-ħwejjeġ?*

Niftakarni dejjem nara kif nagħmel biex nirranġa xi ħaġa li nkun xtrajt u nagħmilha tiegħi! Apparti hekk, dejjem imdawra bil-ħwejjeġ jien, għax il-familja tiegħi kienet taħdem fl-importazzjoni tal-ħwejjeġ.

*Illum m'għadx hawn min iħit daqs qabel. X'taħseb dwar dan?*

Veru. Qisu kulħadd irid il-lest bla ma jagħti kas min għamlu u kif sar. Imma naħseb li dan l-aħħar hemm numru ta' nies li qed jippruvaw jirriċiklaw il-ħwejjeġ billi jibdluhom fi ħwejjeġ oħra. Nixtieq kieku nappella biex dak li jkun, jagħti iktar valur lill-affarijiet li jixtri, ħalli tonqos il-ħela. M'għandniex bżonn 20 ġakketta fix-xitwa, biex nagħti eżempju wieħed biss.

*Paġna 21*

**It-tieni parti**

*Kif tajt bidu għall-kumpanija tiegħek?*

Jien kont nistudja Londra u kif kont wasalt biex intemm l-istudji tiegħi, kelli xi mudelli li libsu xi xalel li kont iddisinjat u ħdimt jien. Imbagħad meta rritornajt Malta ddeċidejt li

niftaħ kumpanija u nagħmel ċfuf tal-ħarir, kif ukoll xalel b'disinji tiegħi stess.

*Allura xi tħit eżattament?*

Inħit ħafna affarijiet differenti bħal ilbiesi, xalel, imkatar, ċfuf, ingravajjet, kuxins, kostumi, ħwejjeg tat-tieġ u ħafna iktar. Però, il-ħjata hija biss parti waħda minn dak li nagħmel għax hemm ukoll il-kreattività fit-tpingija u l-applikazzjoni tad-disinn fuq id-drapp innifsu.

*Ġieli ħitt għall-annimali?*

Iva! Xalel, kuxins … u rrid nara x'se nivvintalhom iktar fil-futur!

*Għandek xi proġetti oħra għall-futur?*

Nispera li jirnexxili nagħmel sit fejn il-klijenti jkunu jistgħu jixtru online, u nixtieq ukoll kollezzjoni ġdida, kemm ta' aċċessorji kif ukoll ta' ħwejjeġ … issa naraw!

*Paġna 37*

**Bullettin tal-aħbarijiet**

**L-ewwel aħbar**

Sinjuri, il-lejla t-tajba. Nilqagħkom għall-aħbarijiet tas-sitta fuq TirTV.

Il-punti ewlenin:

Qatta' friefet ta' kull xorta f'bajja ewlenija f'Għawdex
Żjajjar mill-President ta' Malta fl-iskejjel primarji kollha ta' Malta u Għawdex
Struttura tat-Taj Mahal b'5,923 briksa tal-Lego
U Griffin: Pappagall li qed jissorprendi lil ħafna

Nibdew b'aħbar kemxejn stramba. Aħbar li teħodna sal-gżira ta' Għawdex.
Ilbieraħ filgħaxija ġejna infurmati li grupp ta' tfal mix-Xewkija raw qatta' friefet itiru fl-inħawi ta' Mġarr ix-Xini. It-tfal, għall-ħabta tas-sitta ta' filgħaxija, lemħu farfett ta' kulur roża fil-vjola. Komplew isegwu dan il-farfett u iktar ma qorbu lejn il-bajja, il-friefet kull kulur bdew jiżdiedu. "Bqajna b'ħalqna miftuħ daqskemm kien hemm friefet. Oranġjo, sofor, vjola, ħodor … qatt ma rajna daqshekk friefet," qalilna wieħed mit-tfal.

It-tlett itfal ma setgħux jemmnu lill-għajnejhom meta raw is-sema mimli friefet. B'xorti tajba, missier waħda mit-tfal, Dr Andrè Farrugia, huwa Lepidopterologu … jiġifieri wieħed li jistudja l-friefet.

"Kemm aħna fortunati!" kienu l-ewwel kelmiet li qalilna kif iltqajna miegħu fl-istess bajja fejn dehru dawn il-friefet. Kompla jgħid, "Fost il-friefet li jeżistu hemm il-farfett tal-bużbież, il-farfett taz-ziju, il-farfett tal-kromb, il-farfett tal-ħurrieq, il-farfett tal-fejġel, il-farfett tar-reġina u l-farfett tal-lira. Hafna drabi dawn il-friefet iġibu isimhom mill-pjanti li jiffrekwentaw." Temm jgħidilna li dehra bħal din hija rari ħafna u mhux lakemm wieħed jispjegaha, "Nittamaw li nibqgħu ngawdu dehriet bħal dawn."

*Paġna 38*

**It-tieni aħbar**

U issa aħbar li se teħodna barra minn Malta ...

Riċerkatriċi ewlenija fl-Università ta' Harvard, Dr Irene Pepperberg, qed tistħarreġ l-intelliġenza ta' dak li għal ħafna huwa għasfur komuni. Din ir-riċerkatriċi kienet konvinta li l-pappagalli mhux talli kapaċi jitkellmu, iżda talli huma ferm iżjed intelliġenti minn hekk. Il-pappagall tagħha Griffin huwa pappagall Afrikan griż li għandu intelliġenza ta' tifel ta' mill-inqas 4 snin.

F'numru ta' esperimenti, Griffin issupera dak li kien mistenni minnu. F'esperiment minnhom, lil Griffin urewh żewġ tazzi b'ammont ta' likwidu differenti. Dan il-likwidu mbagħad ferrgħuh f'tazzi li ma kinux indaqs. Waħda mit-tazzi kellha qiegħ falz biex l-ammont ta' likwidu jidher l-istess. Imma kif tistgħu timmaġinaw, Griffin kull darba beda jaqta' liem hi t-tazza li fiha l-aktar ammont ta' likwidu. Dan il-pappagall ma tidħaqx bih malajr!

Dawn it-testijiet huma mod wieħed biss kif Pepperberg tesplora l-intelliġenza tal-għasafar biex tifhem aħjar l-intellett tal-bniedem. "L-għasafar, fl-ambjent tagħhom, ikunu jafu li l-apparenza ma tibdilx il-kwantità," qalet Pepperberg. Temmet tgħid li "aħna l-bnedmin evolvejna ferm iktar mill-għasfar, imma l-għasafar għandhom l-għerf tagħhom ukoll!"

*Paġna 54*

**Silta meħuda mill-ktieb *Il-Kreatura tal-Bir* ta' Simon Bartolo**

**L-ewwel parti**

Mezzanina Borġ kienet bilqiegħda fis-salott bi ktieb f'idejha. Kellha 34 sena u kienet mara ħelwa b'xagħarha nnukklat, għajnejha kbar u mneħirha ċkejken. Ma tantx kienet twila u dan il-fatt kien iktar jagħmilha gustuża. Dak il-ħin kienet liebsa nuċċali żgħir li kienet tużah biss meta tkun qed taqra. Inħasdet ftit xħin semgħet lil Nadja twerżaq. Imbagħad meta ħarset lejn it-tfal fil-bitħa tbissmet għax indunat li ma kien ġara xejn gravi. Antonin kien qed jiġri wara oħtu madwar il-ħorża tal-bir. Mid-dehra kellu xi ħanex f'idu u Nadja bdiet tgħajjat, "Leee ... Jaqq, jaqq, jaaaaqq!"

B'rasha mistrieħa, l-omm għalqet il-ktieb u ħallietu fuq it-tavolina biex tmur fil-kċina tagħmel belgħa te.

Kien f'dak il-ħin li Nadja waqfet tiġri u twerżaq. Il-ħarsa ta' wiċċha nbidlet minn biża' daħqan għal biża' ta' veru. Huha ma kienx jaf li se tieqaf hekk ħesrem u baqa' dieħel fiha.

"Ajma!" għajtet Nadja meta waqgħu t-tnejn li huma mal-art.

"Mhux int?" akkużaha Antonin. Il-ħanex li kellu f'idu rnexxielu jiżgiċċa u jidħol fil-ħamrija tal-ħawt li kien hemm tul il-ħajt maġenb il-bir. Il-ħawt kien mimli sardinell u galletti allura l-ħanex malajr ma deherx iktar fost dak il-weraq kollu.

"Ġej!" qaltlu Nadja b'vuċi mwerwra.

Antonin ma kellux għalfejn jistaqsi min. Fehemha mill-ewwel lil oħtu. "Kif taf?" staqsieha.

"Xomm!" ordnatlu.

Hekk għamel u wiċċu bjad. "Qiegħed viċin ħafna," qal it-tifel.

"Eħe," qaltlu Nadja, "wasal!"

"Iġri!"

*Paġna 55*

**It-tieni parti**

Iż-żewġt itfal irħewlha f'ġirja sfrenata lejn kamrithom. Huma u għaddejjin, Antonin laqat it-tavolina ta' ommu u qalibha, iżda ma waqafx biex jirranġaha. Ma kienx hemm ħin. Imnalla li dak il-vażun żgħir li kien hemm fuqha ġie fuq it-tapit u mhux fuq il-madum.

"Iġri, iġri, iġriii!"

Sadattant fil-kċina l-kitla bdiet issaffar u ommhom ma ntebħitx li l-vuċijiet tat-tfal kienu nbidlu minn twerżiq ta' daħq u logħob għal għajjat ta' biża' u paniku. Kienet qed tikkontempla jekk għandhiex tieħu biskuttin mat-te. U iva, billi tieħu biskuttin, mhux darba ngħixu? Lanqas intebħet li t-tfal kienu daħlu mill-bitħa u telgħu jiġru t-taraġ.

Malli Antonin kien dieħel fil-kamra tagħhom, oħtu Nadja qaltlu, "Stenn! Fil-kamra tagħna l-ewwel post li se jfittixna. U mhux se mmorru fil-kamra tal-mamà u l-papà hux, għax hemm jidħol żgur."

"Mela allura fejn se ninħbew?" staqsa Antonin.

"Ha naħseb ta," qaltlu.

"Imma aħseb malajr," ħeġġiġha għax issa kienu qed jinstemgħu passi tqal telgħin it-taraġ.

"Isa, isa!"

Fil-fatt ir-riħa kienet waslet vera viċin issa, tant li d-dar kollha kienet imtliet biha. Riħa li ddardarlek l-istonku.

*Paġna 72*

**Silta minn dramm ta' Trevor Żahra li jismu *Erk u Liż***

**L-ewwel parti**

Darba, meta kont student, iddeċidejt li nidħol fir-reċta tal-iskola. U fl-awdizzjonijiet kont mort tajjeb tant li tawni l-parti ta' seqer fi dramm ta' Trevor Żahra. Id-dramm kien jismu *Erk u Liż*. U dil-parti kienet tassew divertenti. Għadni niftakar biċċiet sħaħ bl-amment …

| | |
|---|---|
| L-ISQRA | Aħna ntiru u nagħmlu VUUMMM<br>Fuq il-bhejjem ninżlu BLUUMMM<br>Nisparaw ir-rix bħal vleġeġ:<br>Jagħmel ĊIMM - PAQQ - PUMM!<br>F'nofs l-għelieqi nagħmlu xaqq,<br>Naqsmu s-siġar, jagħmlu ĊLAQQ<br>Naraw bniedem nisparawlu:<br>Nagħmlu ĊIMM - PUMM - PAQQ! |

Imbagħad wara li nkantaw dil-biċċa kien joħroġ Erkole skantat bina l-isqra …

| | |
|---|---|
| ERKOLE | Illami! Tal-ġenn! X'fikom ħej! |
| SEQER-1 | Hawn x'ġara? Int min int? |
| ERKOLE | Ma nistax nemmen lil għajnejja! |
| SEQER-1 | X'inti tħawwad? |

| | |
|---|---|
| ERKOLE | Tal-ġenn! Kollha kemm intom tal-ġenn. |
| SEQER-1 | Jaqaw dan kemm kemm sturdut? |
| ERKOLE | Stupendi! |
| SEQER-1 | Issa se ttellagħhomli u malajr inpoġġik għall-frisk. Nista' nkun naf xi trid? |
| ERKOLE | Xejn … nixtieq biss tħalluni nitpaxxa bil-ġmiel bla qies tagħkom. F'għomri kollu għadni qatt ma ltqajt ma' tajr daqshekk tal-għaġeb. Ma nistax insib kliem biex infissrilkom x'jiena nħoss bħalissa. Qalbi ma tiflaħx għal għeġubijiet enormi bħal dawn. |
| SEQER-1 | Jidher tassew ġentlom dan l-istranġier. U jaf japprezza wkoll. |
| ERKOLE | Nitlobkom … minn qiegħ qalbi, ħalluni mqar immiss ftit dak ir-rix grandjuż tagħkom. |
| SEQER-1 | Tidher li inti ħlejqa ta' kultura kbira … u għalhekk se nagħtuk il-privileġġ li tmiss rixna. |
| ERKOLE | Ooo … x'eċitament! X'meravilja! Ma niflaħx aktar. Intom tassew wieħed mill-Għeġubijiet tad-Dinja. Anzi l-ikbar wieħed! Dnub li qed tgħixu f'dan il-post. Jixirqilkom pajjiż aqwa u isbaħ minn dan. Jixirqilkom tgħixu fil-Ġawhra tal-Mediterran. |
| SEQER-1 | Xiex? |

*Paġna 73*

**It-tieni parti**

Imbagħad id-dramm kien ikompli xi ħaġa hekk …

| | |
|---|---|
| SEQER-1 | Il-Ġawhra tal-Mediterran? Din x'taħbat? |
| ERKOLE | Ma smajtux biha? Araw, ħa nurikom ftit fejn qiegħda … għandi dawn il-fuljetti hawn araw … L-isbaħ post tad-dinja! Daqsxejn ta' gżira f'nofs il-baħar Mediterran. Lukandi mill-isbaħ bil-pixxini avolja tefgħa ta' ġebla 'l bogħod hemm il-baħar. Bajjiet bir-ramel, oħrajn bla ramel … Imbagħad l-Għadira jew Għajn Tuffieħa … Mmmm ġmiel biss hi. Xalata. Ilma kaħlani u sabiħ, bla tniġġis, jew żift jew fliexken tal-plastik … la ħmieġ u la xejn. Kollox pupilla. U r-ristoranti mbagħad! Iġġib għajnejk wara widnejk bit-tjubija tal-ikel, u s-servizz mill-aqwa. In-nies ukoll eee, m'hemmx xi ngħidu, qalbhom taz-zokkor, ilsienhom tad-deheb! U l-annimali tgħidx kemm iħobbuhom … |
| SEQER-1 | X'taħsbu ħbieb? Dan jidher post ideali għalina. |
| ISQRA | Iva! Iva! Iva! |
| SEQER-1 | Int taf tgħidilna kif naslu f'dan il-post? |
| ERKOLE | Fil-Ġawhra tal-Mediterran? Uuuu mela … Imxu mal-pitirrossi u l-gamiem u ssibu ruħkom hemm. |
| SEQER-1 | Mela, sieħeb, xi ngħidulek? Grazzi minn qiegħ qalbna. Tlaqna ħbieb! |
| ISQRA | Tgħix ħajja kuntent u ferħan,<br>F'dik l-art tajba wisq għal sultan,<br>Dil-gżira speċjali, Tassew ideali,<br>Il-Ġawhra tal-Mediterran! |

Ajma kemm konna nidħqu u nkantaw … u kellna kostumi sbieħ li ma ngħidlekx. Imma mbagħad, l-imsejkna isqra mhux li tant sabu xorti meta marru fuq il-Ġawhra tal-Mediterran!

*Paġna 90*

**Silta minn *L-Istorja tal-Amulet* ta' E. Nesbit**

**L-ewwel parti**

Dil-ġimgħa, il-librara ħeġġitna naqraw silta quddiem sħabna minn ktieb li jogħġobna. Jien għażilt ktieb li ilu li nkiteb iktar minn mitt sena! Dan huwa *L-Istorja tal-Amulet* ta' E.Nesbit. Għandek tkun taf li Amulet tfisser ħaġra prezzjuża. U din hija l-istorja ta' din il-ħaġra. Fl-istorja hemm erba' karattri prinċipali li huma Cyril, Robert, Jane u Anthea. Jum fost l-oħrajn dawn it-tfal jiltaqgħu ma' Ramlija li hija kreatura fantastika u li tħeġġiġhom jixtru nofs ħaġra prezzjuża. Il-biċċa hi li din il-ħaġra kellha ħafna u ħafna poteri, imma b'nofs ħaġra, il-poteri ma kinux daqshekk b'saħħithom. Apparti hekk huma ma jkunux ċerti ċerti jekk din il-ħaġra teżisti kollha kemm hi. Jien għażilt li naqra biċċa li fiha jirnexxilhom jivvjaġġaw fiż-żmien biex jikkonfermaw li l-ħaġra teżisti sħiħa!

"Isimgħuni ftit," qalilhom Cyril, "hemm bżonn niftakru x'ġara eżatt dakinhar li sibna l-ħaġra prezzjuża. Meta u kif u fejn sibnieha? Bilfors li se nsibuha xi darba fil-futur. Nafu bil-poteri tagħha. Dak ifisser li xi darba rajnieha sħiħa … hux hekk?"

"Jista' jkun!" qal Robert. "Imma jien m'iniex ċert mija fil-mija."

"Imma hemm bżonn niftakru," weġibhom Cyril.

"Jien ma nista' niftakar xejn," qalet Jane bid-dwejjaq.

"Mela rridu nerġgħu nivvjaġġaw fiż-żmien. Immorru eżatt f'dak il-jum li sibna l-ħaġra sħiħa ħalli naraw eżatt eżatt x'ġara," qalilhom Cyril.

"Fhimt," qal Robert, li ma kien fehem xejn.

"Jien ma fhimtx," qalet Anthea, li kienet kważi fehmet. "Cyril, ħi, erġa' spjegalna, imma bil-mod ħafna."

U Cyril kompla jispjegalhom bil-mod kemm jista' jkun. Quddiem l-uċuħ ċassi tat-tlieta l-oħra, beda jara kollox iktar ċar kristall. Qalilhom li jekk imorru fil-futur, jiġifieri eżatt wara li jkunu sabu l-ħaġra sħiħa, għandhom jiftakru kif u fejn sabuha. U mbagħad, meta jerġgħu lura għal żmienhom, ikunu jafu fejn għandhom imorru jfittxuha.

*Paġna 91*

**It-tieni parti**

"Fhimt," qal Robert, u din id-darba veru fehem.

"Iva, kemm jilħaqlek inti, ħej!" qalet Anthea lil Cyril.

"Imma bin-nofs ħaġra l'għandna nistgħu nivvjaġġaw lura u 'l quddiem fiż-żmien?" staqsa Robert.

"Iva, hekk suppost. Missna nippruvaw," qal Cyril.

"Ejjew nilbsu l-aħjar ħwejjeġ, mela," ħeġġithom Jane. "Tafu x'jgħidu n-nies dwar il-progress u d-dinja li qed issir aqwa u aħjar. Għandi nifhem li n-nies fil-futur se jkunu puliti ħafna u intelliġenti ħafna wkoll," kompliet Jane.

"Kollox sew," qalet Anthea, "hekk jew b'hekk xorta rridu ninħaslu, jien qed inwaħħal."

Meta kulħadd inħasel u biddel, għollew nofs l-ħaġra prezzjuża. Cyril fakkarhom li jridu jmorru fil-futur — eżatt wara li jkunu sabu l-ħaġra sħiħa. Jane qalet il-kelma maġika. Iffurmat arkata kbira u flimkien għaddew minn taħtha u spiċċaw dritt fil-Mużew Brittaniku.

Mill-ewwel intebħu li quddiemhom, fil-kaxxa tal-ħġieġ, kien hemm il-ħaġra prezzjuża — kien hemm in-nofs tagħhom, kif ukoll in-nofs l-ieħor li s'issa kienu għadhom qatt ma sabu — imma hemm kienu. Iż-żewġ biċċiet. U kienu magħqudin flimkien b'xi ħaġa li kienet tixbah lil ċappetta ħamra. Dak ifisser li xi darba kienu se jsibu n-nofs l-ieħor li jaqbel man-nofs tagħhom. Imma fejn? Billi jafu li qegħdin fil-mużew ma jfissirx li solvew il-problema!